



EBA BS 2012 163 FINALI

28 ta' Settembru 2012

## Programm ta' Ħidma tal-EBA għall-2013



---

## 1. Introduzzjoni

Skont ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), il-programm ta' ħidma annwali jiddeskrivi u jiġbor fil-qosor l-oġġettivi u r-riżultati ewlenin tal-EBA fis-sena li ġejja dderivati mill-kompiti speċifikati fir-Regolament u mil-leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-settur bankarju tal-UE. Wara diskussjoni dwar l-abbozz ta' verżjoni mill-Bord tas-Superviżuri tal-EBA fis-Sajf 2012, u mill-Grupp tal-Partijiet Interessati Bankarji, il-Programm ta' Ħidma ġie rivedut mill-Bord ta' Tmexxija li ppropona l-adozzjoni tiegħu. Abbażi ta' din il-proposta, il-Bord tas-Superviżuri adotta l-programm ta' ħidma għall-2013 fil-laqgħa tiegħu li ġiet organizzata fil-25-26 ta' Settembru 2012.

Il-programm ta' ħidma għandu l-għan li jiddefinixxi l-oġġettivi ewlenin u l-prijoritajiet korrispondenti tal-EBA għall-2013 fit-tweġġ tal-mandat ġenerali tagħha. L-oġġettiv fundamentali għall-EBA fil-**qasam tal-politika regolatorja** sejjer ikun li jkollha rwol ċentrali fl-**iżvilupp tal-ġabra unika tar-regoli**, bil-għan li tikkontribwixxi għall-ilħuq ta' kuntest ekwu għall-istituzzjonijiet finanzjarji kif ukoll iżżid il-kwalità tar-regolament finanzjarju u l-funzjonament globali tas-Suq Uniku. Il-ħidma tal-EBA f'dan il-qasam jikkonċerna b'mod partikolari l-qafas leġiżlattiv CRDIV/CRR, inkluż il-likwidità u r-remunerazzjoni, kif ukoll l-irkupru minn kriżi u qafas ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva. L-**attivitajiet ta' sorveljanza** tal-EBA se jrin jiffukaw fuq **l-identifikazzjoni, l-analiżi u l-indirizzar ta' riskji ewlenin fis-settur bankarju tal-UE, inkluż l-analiżi tal-konsistenza tar-riżultati fl-assi peżati differenzjati (RWAs), is-sostenibbiltà tal-mudelli u r-reviżjonijiet kummerċjali tal-banek tal-kwalità tal-assi tal-banek, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni superviżorja u l-konverġenza u l-kontinwazzjoni ta' xogħolha fil-kulleġġi tas-superviżuri** biex issaħħaħ is-superviżjoni Ewropea tal-gruppi bankarji transkonfinali. L-aħħar iżda mhux l-inqas, l-EBA timpenja ruħha biex ittejjeb il-protezzjoni tal-konsumatur u tippromwovi t-transparenza, is-sempliċità u l-ekwità għall-prodotti u s-servizzi finanzjarji tal-konsumatur madwar is-Suq Uniku, u bħala tali sejra tiffoka l-**attivitajiet tagħha ta' protezzjoni tal-konsumatur** fuq l-iżvilupp ta' **linji gwida** dwar is-**self ipotekarju responsabbli, u fuq l-indirizzar tal-arretrati u t-tolleranza fis-suq ipotekarju, u l-istandards tekniċi regolatorji dwar l-Assigurazzjoni ta' Indennizzi Professionali**.

Dawn it-tliet oqsma ta' hawn fuq - **Regolamentazzjoni, Sorveljanza u l-Protezzjoni tal-Konsumatur** - jirrappreżentaw il-funzjonijiet ewlenin tal-EBA li huma stabbiliti fir-Regolament tal-EBA. Għal dawn, tingħata wkoll lista ddettaljata ta' kompiti li tinkludi t-tqassim tar-riżultati. Barra minn hekk, taqsima orizzontali separata, l-Analiżi u l-Koordinazzjoni tal-Politika, tipprovdi l-koordinazzjoni tal-politika interna u esterna bejn il-funzjonijiet ewlenin tal-EBA u l-partijiet interessati esterni, kif ukoll tipprovdi l-analiżi legali u tivvaluta l-impatt tal-proposti ta' politika tal-EBA. Il-funzjonijiet ta' appoġġ miġbura fil-qosor bħala **Operazzjonijiet** għandhom rwol kritiku fl-iżgurar li l-EBA tkun tista' twettaq il-funzjonijiet ewlenin tagħha, u b'hekk, l-oġġettivi ta' ħidma ewlenin tagħhom huma miġbura fil-qosor ukoll.

L-2013 sejra tkun it-tielet sena ta' operazzjoni għall-EBA bħala Awtorità tal-UE kompluta fis-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (ESFS). Għaldaqstant, l-enfasi sejra tibqa' fuq l-iżvilupp u t-tiżniħ kontinwu tal-kapaċitajiet istituzzjonali tal-EBA. Barra minn hekk, hemm bosta proposti leġiżlattivi ġodda fil-binja tar-regolamentazzjoni u s-sistema superviżorja bankarja Ewropea, inkluż l-Unjoni Bankarja u l-proposti ta' Rkupru u Riżoluzzjoni, fuq l-aġenda tal-UE, li xi wħud minnhom diġà ġew ippubblikati iżda mhux adottati, u xi wħud huma mistennija li jiġu ppubblikati fil-futur qarib, iżda kollha

---

għandhom impatt kbir fuq l-ammont u l-prijoritajiet tal-kompiti speċifiċi tal-EBA fl-2013 u wara. L-Unjoni Bankarja sejra jkollha riperkussjonijiet importanti fuq il-mandat tal-EBA, peress li sejra tappella lill-Unjoni biex timpenja iżjed ruħha lejn il-ġabra unika tar-regoli u l-metodoloġiji ta' sorveljanza unifikati, bil-ħsieb li tiġi evitata l-polarizzazzjoni tas-Suq Uniku bejn iż-żona tal-euro, u l-applikazzjoni tagħha tar-regoli u l-prattiki uniċi ta' superviżjoni, u l-bqija tal-Unjoni.

Lista ddetalljata tal-kompiti tal-EBA hija ppreżentata fl-Anness bil-prijoritajiet mehmuża. Ġeneralment, il-kompiti li joħroġu minn proposta leġiżlattiva bi skadenza li taqa' fl-2013 jingħataw prijorità 1; il-kompiti bi prijorità 2 sejrjn jitwettqu biss sakemm dawn ma jkunux jillimitaw il-kompiti bi prijorità 1. Minħabba n-numru għoli ta' kompiti bi prijorità 1 fl-2013, hija meħtieġa żieda sinifikanti fir-riżorsi umani biex l-EBA tkun tista' tindirizza b'mod sħiħ il-kompiti bi prijorità 2. Il-kompiti bi prijorità 3 x'aktarx li mhumieq sejrjn jitwettqu fl-2013. Wieħed għandu jinnota li xi wħud mill-punti attribwiti lill-punti leġiżlattivi tal-Kummissjoni Ewropea (KE) jaf jinbidlu peress li dawn il-proposti qegħdin jiġu diskussi attwalment.

Sabiex l-EBA tkun tista' twassal il-programm ta' ħidma għall-2013 tagħha, l-EBA sejjer ikollha bżonn iżżid il-livelli ta' persunal u l-baġit tagħha kif xieraq. Fl-2013, l-ammont ta' persunal huwa mistenni li jikber minn 68 fl-2012 għal 93 Aġent Temporanju, b'konformità mal-Pjan ta' Stabbiliment approvat u l-baġit minn €20.7 miljun fl-2012 għal €25 miljun. L-EBA sejra tkompli tkun iffinanzjata mill-KE u mill-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali.

## 2. Ħidma regolatorja

L-objettiv ewlieni tal-EBA fil-qasam tal-politika regolatorja huwa **li jkollha rwol ewlieni fil-ħolqien ta' ġabra unika ta' regoli għas-sistema bankarja tal-UE**. L-enfasi ewlenija tal-ħidma regolatorja tal-EBA fis-snin li ġejjin sejra tkun f'żewġ oqsma kbar b'konformità mal-aġenda leġiżlattiva tal-UE. Il-kompiti li ma jaqgħux taħt dawn l-oqsma ġew identifikati u elenkati wkoll fid-dettall fl-Anness.

L-ewwel, u l-aktar importanti, il-kriżi finanzjarja li għaddejjja wriet nuqqasijiet fir-regoli prudenzjali li jirregolaw il-banek li rriżultaw f'konsegwenzi ħżiena għas-solidità finanzjarja tal-istituzzjonijiet individwali u għas-sistema finanzjarja internazzjonali. Intlaħnaq qbil fuq livell globali għall-korrezzjoni tan-nuqqasijiet regolatorji li wasslu għas-sett reċenti ta' regoli prudenzjali taħt il-kappa tal-ftehim ta' Basel III. L-UE timpenja ruħha li tintroduċi dan il-qafas prudenzjali fis-Suq Uniku kollu, u huwa mistenni li sa tmiem l-2012 tadotta l-leġiżlazzjoni/ir-regolamenti tal-UE li għandhom l-għan li jimplementaw il-Basel III fl-UE fl-1 ta' Jannar 2013. L-EBA sejra jkollha rwol kruċjali fl-implimentazzjoni u fl-applikazzjoni teknika ta' dan is-sett ġdid ta' regoli regolatorji, u għaldaqstant sejra tiffoka x-xogħol tagħha fil-kuntest tat-tweqqif tal-abbozzar ta' **standards tekniċi vinkolanti taħt il-qafas CRDIV/CRR il-ġdid**. Peress li dawn il-proposti leġiżlattivi għad irid jiġu adottati, u għaldaqstant id-dettalji finali tagħhom għadhom mhux magħrufa, dan jippreżenta inċertezza sinifikanti fil-programm ta' ħidma tal-EBA f'dan l-istadju, flimkien mal-ippjanar u l-komplessità tar-riżorsi għall-organizzazzjoni tal-EBA peress li l-implimentazzjoni tagħhom sejra tibqa' mill-1 ta' Jannar 2013.

Fir-rigward tal-**kompiti relatati mas-CRR/CRDIV mistennija**, l-EBA ħadet approċċ pragmatiku u kkunsidrat bħala bażi l-proposta tal-Kunsill ta' Mejju 2012. L-EBA ma inkludiet l-ebda żieda jew tħassir

ieñor propost mill-Parlament Ewropew, minkejja li kkunsidrat xi kompiti addizzjonali oħra fil-proposta tal-Kunsill li x'aktarx sejr in jthassru. Barra minn hekk, dawk ir-riżultati bi skadenza f'Jannar 2013 jew f'Diċembru 2012 li l-EBA timmira li twassal lill-Kummissjoni Ewropea, jew li tippubblikahom qEBAI it-tmiem ta' din is-sena, ma ġewx inklużi. Bħala riżultat huma mistennija madwar 164 riżultat mill-EBA. Il-parti l-kbira ta' dawn il-prodotti jirrigwardaw l-iżvilupp ta' regoli tekniċi aktar iddettaljami, l-aktar permezz tal-iżvilupp ta' standards tekniċi regolatorji jew ta' implimentazzjoni vinkolanti. Tipi oħra ta' riżultati jinkludu linji gwida, rapporti, opinjonijiet, attivitajiet ta' medjazzjoni, jew l-ilqugħ u l-ipproċessar ta' notifikati. Fit-tEBAI ta' hawn taħt tintwera sommarju, u tqassim iddettaljam fl-Anness. Għandu jiġi nnotat li din il-parti mill-programm ta' ħidma sejjer ikollha bżonn tiġi aġġornata wara li jsir disponibbli t-test finali tas-CRR/CRDIV.

<b>TIP TA' KOMPITU kif iddikjarat fl-abbozz tas- CRDIV/CRR</b>	<b>Attribwit lil EBA</b>
Standards Tekniċi Regolatorji	38
Standards Tekniċi ta' Implimentazzjoni	24
Linji Gwida	21
Rapport	15
Pubblikazzjoni	6
Opinjoni	9
Pariri	2
Oqsma għall-Medjazzjoni	13
Notifika	31
Oħrajn (Assistenza fil-livell ta' ekwivalenza ta' pajjiż terz / kulleġġi / MoUs)	5

Minbarra n-numru kbir ta' riżultati fir-rigward tal-proposti CRR/CRDIV, it-taqit ta' dawn il-prodotti huwa ferm ikkonċentrat peress li l-iskeda ta' implimentazzjoni teħtieġ li tibqa' konsistenti. Il-parti l-kbira tal-prodotti huma mistennija li jiġu ffinalizzati sal-2013-2014, biex b'hekk, il-konċentrazzjoni tal-ħidma regolatorja tal-EBA tkun għolja ħafna matul l-2013.

In-numru enormi ta' kompiti, kif ukoll il-konċentrazzjoni fit-twaqqit tagħhom jenfasizzaw l-importanza tal-prijoritizzazzjoni. Abbażi tal-kapaċità disponibbli kemm fl-EBA kif ukoll fl-awtoritajiet nazzjonali,

---

mhuwiex mistenni li l-attivitajiet kollha jkunu jistgħu jitwettqu bħala proposti attwali mingħajr riżorsi umani addizzjonali fl-EBA. Minħabba l-ħtieġa ta' prijorizzazzjoni stretta, ġew identifikati l-oqsma ta' politika li ġejjin fejn l-EBA tista' ttipprovdi l-ogħla valur miżjud permezz ta' regolamentazzjoni teknika estiża:

**Kapital:** kapital ta' kwalità aħjar huwa wieħed mill-karatteristiċi ewlenin tal-qafas ta' kapital ġdid. Wara l-konsultazzjoni tal-EBA dwar ħafna proposti għal standards tekniċi fuq fondi proprji fl-2012; dan il-qasam sejjer jibqa' ta' prijorità għall-EBA fl-2013, b'fokus fl-2013 fuq il-monitoraġġ permanenti tal-kwalità tal-istrumenti ta' kapital.

**Likwidità:** il-kriżi wriet kemm huwa importanti għall-banek li jkollhom disponibbli likwidità suffiċjenti, kemm għal perjodu qasir kif ukoll għal perjodu itwal. Is-CRR/CRDIV sejra tadotta l-qafas bażiku fl-għamla ta' Proporzjon tal-Kopertura tal-Likwidità u ta' Proporzjon ta' Ffinanzjar Stabbli Nett li jkunu ġew maqbula fuq livell globali. Dan jagħti lill-EBA, il-kompitu li tfejji l-kalibrar tal-komponenti tal-proporzjon inkluż il-valutazzjoni tal-konsegwenzi u l-impatt tal-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri ta' likwidità.

**Rimunerazzjoni:** il-kriżi wriet li l-inċentivi personali negattivi jistgħu jwasslu għal mġiba suxxettibbli għar-riskju. Għaldaqstant, ġew stabbiliti regoli speċifiċi dwar ir-rimunerazzjoni. Abbażi tal-Linji Gwida tal-EBA li diġà ġew ippubblikati, l-EBA sejra twettaq xi eżerċizzji ta' dejta biex jingħataw standards ta' referenza lix-xejriet fir-rimunerazzjoni fil-livell tal-Unjoni, u fir-rigward tal-iżvelar ta' informazzjoni dwar dawk li jaqilgħu ħafna. Barra minn hekk, l-EBA sejra tiżviluppa Standards Tekniċi fir-rigward tal-kriterji għall-identifikazzjoni ta' min jieħu r-riskju, u l-istabbiliment tal-aspetti varjabbli u fissi tar-rimunerazzjoni.

**Proporzjon ta' ingranaġġ** il-proporzjon ta' ingranaġġ huwa maħsub bħala salvagwardja għall-istituzzjonijiet li huma ingranati żżejjed, peress li ingranaġġ żejjed normalment huwa meqjus li kellu parti kbira fil-kriżi finanzjarja. Abbażi tar-rappurtar tal-proporzjon ta' ingranaġġ, l-impatt tal-introduzzjoni tal-proporzjon ta' ingranaġġ għandu jiġi vvalutat mill-EBA. Għaldaqstant, din l-attività sejra tibni fuq il-qafas ta' rappurtar tal-proporzjon ta' ingranaġġ żviluppat fl-EBA u tkompli fl-2013, b'riżultati li huma mistennija mill-2014 'il quddiem.

Peress li l-missjoni tal-EBA hija li tiżviluppa **strumenti prattiċi u għodod ta' konverġenza** biex tippromwovi approċċi superviżorji komuni, l-EBA sejra tieħu ħsieb b'mod xieraq il-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni meta tidħol fil-fażi tranżitorja tal-leġiżlazzjoni l-ġdida. B'mod partikolari, l-EBA sejra tagħti spjegazzjonijiet f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tas-CRDIV/CRR u tiżviluppa għodod u politika speċifiċi biex twieġeb il-mistoqsijiet.

Minbarra l-kontribut tekniku regulatorju obligatorju tagħha, l-EBA qiegħda tagħti kontribut tekniku biex tgħin fit-tfassil ta' dispożizzjonijiet immirati dwar kwistjonijiet ta' superviżjoni. Barra minn hekk, is-settur tal-intrapriżi żgħir u medji (SMEs) huwa osservat b'attenzjoni partikolari. Il-kriżi wriet li ħafna mill-SMEs għandhom diffikultà biex jaċċessaw il-finanzjament, u dan huwa meqjus bħala ostaklu għall-irkupru fl-ekonomija Ewropea u wassal għal diversi sejħiet biex ikun hemm azzjoni, anki fil-qasam tar-regolamentazzjoni bankarja. L-EBA qiegħda taħdem fuq reviżjoni tal-qafas prudenzjali għas-self lill-SMEs bħala kontribut għall-proposti leġiżlattivi.

It-tieni nett, il-kriżi wriet il-ħtieġa għal għodod u **arranġament għall-prevenzjoni tal-kriżijiet u riżoluzzjoni tal-kriżijiet** aktar avvanzati u kkoordinati, sabiex meta jkun hemm kriżi din tkun tista' tiġi

---

mikxufa aktar kmieni, ikun hemm intervent aktar adegwat, u l-istituzzjonijiet finanzjarji f'diffikultà jkunu jistgħu jiġu megħjuna b'mod aktar effiċjenti. F'Ġunju 2012, il-Kummissjoni tal-UE ppubblikat il-proposti leġiżlattivi tagħha f'qafas tal-UE għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment, li jipprovdu rwol ewlieni għall-EBA, kemm fl-istabbilment ta' standards u linji gwida tekniċi oħra, inkluż fir-rigward tal-kontenut u l-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni, l-applikazzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri; miżuri (strutturali) preventivi biex tiġi żgurata r-riżolvibbiltà; l-applikazzjoni ta' setgħat ta' riżoluzzjoni speċifiċi fir-rigward tal-għodod ta' riżoluzzjoni speċifiċi; ir-rikonossiment tal-proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiżi terzi, u l-għoti ta' rwol lill-EBA fil-koordinazzjoni u l-parteċipazzjoni f'avvenimenti ta' kriżi transkonfinali permezz tal-parteċipazzjoni tagħha fil-kulleġġi ta' riżoluzzjoni.

### 3. Xogħol ta' sorveljanza

L-attivitatijiet ta' sorveljanza tal-EBA fl-2013 sejr in jiffukaw fuq **l-identifikazzjoni, l-analiżi u l-indirizzar tar-riskji ewlenin fis-settur bankarju tal-UE**. Wara programm ta' rikapitalizzazzjoni b'suċċess fl-2012, l-EBA sejra tkompli tissorvelja l-livelli tal-kapitali u l-pjanijiet tal-banek ta' kapital biex issaħħaħ aktar il-pożizzjoni tal-kapital tagħha, hekk kif dawn qegħdin jimxu lejn l-implimentazzjoni tas-CRD IV. **It-test tal-istress** li jmiss **tal-EBA madwar l-Ewropa kollha**, li huwa ppjanat għall-2013, sejjer ikun komponent ewlieni fil-valutazzjoni ta' dawn il-pjanijiet. L-EBA sejra tkompli taħdem mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti biex tifhem l-impatt tad-deterjorament fil-kwalità tal-assi fuq il-karta tal-bilanċ tal-banek u biex tippromwovi l-proċess ta' tiswija tal-karta tal-bilanċ u l-isforzi tal-banek li għadu għaddej filwaqt li r-restawr tal-istrutturi ta' finanzjament sostenibbli sejjer ikun punt fokali ta' analiżi.

L-EBA sejra tkompli **l-analiżi tematika regolari** tagħha dwar għadd ta' oqsma inkluż il-konsistenza tar-riżultati fl-assi bil-piż tar-riskju (RWAs), is-sostenibbiltà tal-mudelli kummerċjali tal-banek u r-reviżjonijiet tal-kwalità tal-assi tal-banek. Il-prodotti regolari sejr in jinkludu finanzjament frekwenti u aġġornament għal-likwidità li huma bbażati fuq l-intelliġenza superviżorja u tas-suq, rapporti tas-settur bankarju kważi annwali lill-Bord tas-Superviżuri, lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) - it-TEBAlla tal-Istabbiltà Finanzjarja (FST), u aġġornamenti trimestrali lill-ESRB.

Fil-qasam tar-**rapportar u t-trasparenza**, l-akbar prijorità sejra tkun l-implimentazzjoni ta' qafas ta' rappurtar komuni, is-COREP U l-FINREP, u l-għoti ta' assistenza fi kwalunkwe kwistjoni ta' implimentazzjoni kif ukoll valutazzjoni u tisħiħ ulterjuri tat-trasparenza fis-settur bankarju tal-UE.

Sussegwentement, l-EBA sejra tuża d-dejta superviżorja flimkien mal-intelliġenza tas-suq u l-kontribut mill-kulleġġi biex tnejji **rapporti dwar il-valutazzjoni tar-riskji** għall-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-ESRB. Ir-rapporti dwar ir-riskju trans-settorjali sejr in ikompli jiġu ppreparati b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Konġunt, u sejr in jintbagħtu lill-KEF-FST. L-EBA sejra wkoll iżżomm u tiżviluppa ulterjorment l-indikaturi tar-riskju ewlenin tagħha u s-sett ta' dashboards tar-riskju, inkluż dashboard interni fil-livell tal-banek tal-EBA, dashboards inter-paris li għandhom jiġu kondiviżi mal-kulleġġi superviżorji/l-NSAs u dashboard settorjali għad-diskussjonijiet bejn l-EBA u l-ESRB.

L-EBA sejra tkompli wkoll **tippromwovi l-konverġenza ta' prattiki superviżorji** fis-Suq Uniku, billi tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ġabra unika tar-regoli u anki għall-iżvilupp tal-manwal prattiku. Dan l-

---

objettiv sejjer jiġi segwit permezz ta' skambju ta' informazzjoni bilaterali u multilaterali effettivi bejn l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll verifiki tal-istokks aktar strutturati ta' prattiki supervizori f'oqsma speċifiċi, b'hal oqsma għall-analiżi tar-riskji, valutazzjonijiet ICAAP u deċiżjonijiet tat-Tieni Pilastru. B'riżultat ta' dawn l-attivitajiet, sejrjn jiġu abbozzati l-karti li jiġbru fil-qosor l-aħjar prattiki u linji gwida. L-organizzazzjoni tat-taħriġ tekniku għall-persunal superviżorju tal-awtoritajiet kompetenti sejra tikkontribwixxi biex trawwem kultura superviżorja komuni fl-UE.

L-EBA sejra tkompli **bil-ħidma tagħha fil-kulleġġi tas-superviżuri** biex issaħħaħ is-superviżjoni Ewropea tal-gruppi bankarji transkonfinali. Il-persunal tal-EBA sejjer jieħu sehem, jappoġġja u jissorvelja l-kulleġġi. Rispons u pariri ta' kwalità ogħla u aktar iddettaljati dwar il-funzjonament tal-kulleġġi sejrjn jiġu ffokati fuq sett ta' prijorità ta' 40 grupp bankarju.

L-EBA, fejn ikun xieraq, sejra tapplika r-rwol tagħha f'medjazzjoni vinkolanti, u tiffaċilita b'mod attiv u, fejn tqis meħtieġ, tikkoordina kwalunkwe azzjoni mwettqa mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti nazzjonali rilevanti, fil-każ ta' żviluppi negattivi/sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Fil-ġestjoni tal-kriżijiet, minbarra r-rwol regolatorju estensiv tagħha, l-EBA sejjer ikollha rwol sinifikanti fl-involvement u fl-assistenza tagħha fid-diskussjonijiet u l-ftehim dwar il-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti, inkluż fil-kulleġġi ta' riżoluzzjoni. Fejn jinqala' xi nuqqas ta' qbil, l-EBA sejjer ikollha rwol importanti biex issib soluzzjoni għalihom.

Abbażi ta' dawn il-kompiti ta' prijorità, l-EBA għandha l-għan li tissodisfa l-objettivi tagħha biex (i) twassal analiżi indipendenti u ta' kwalità għolja tal-banek tal-UE u s-settur bankarju tal-UE, b'koordinazzjoni mal-ħidma tal-Awtoritajiet Superviżorji Kompetenti, il-ESRB u l-korpi ta' f'fessil ta' politika tal-UE, u li twassal għal reazzjonijiet ta' politika miftiehma (ii) tiżgura li hija disponibbli dejta rilevanti u tajba għall-monitoraġġ superviżorju effikaċi u d-dixxiplina tas-suq biex (iii) tkompli tippromwovi l-konverġenza superviżorja u tibni kultura superviżorja komuni fis-suq uniku (iv) tgħin u tissorvelja lill-Awtoritajiet Superviżorji Kompetenti fil-bini tal-istrutturi tal-kulleġġi li huma effiċjenti u sostantivi.

## 4. **ħidma għall-Protezzjoni tal-Konsumatur**


Fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur, l-EBA għandha responsabbiltà mifruxa mal-UE kollha u hija impenjata b'mod sħiħ biex tippromwovi t-**trasparenza, is-semplikità u l-ġustizzja fis-suq għall-prodotti jew is-servizzi finanzjarji tal-konsumatur fis-Suq Uniku.**

L-EBA stabbilixxiet taqsima organizzattiva indipendenti għall-**protezzjoni tal-konsumatur**. FI-2013, it-Taqsima sejra tkompli tiġbor, tanalizza u tirrapporta dwar ix-xejriet tal-konsumaturi u tanalizza l-attivitajiet tal-banek fi prodotti strukturati u l-bejgħ bl-imnut tagħhom. Barra minn hekk, sejrjn jiġu ffinalizzati linji gwida dwar is-self ipotekarju responsabbli, u dwar l-indirizzar tal-arretrati u t-tolleranza fis-suq ipotekarju, kif ukoll standards tekniċi regolatorji dwar l-Assigurazzjoni ta' Indennizz Professionali.- soġġett għad-Direttiva proposta dwar il-Kreditu Ipotekarju. Barra minn hekk, sejra titwettaq analiżi tal-kwistjonijiet ta' detriment għall-konsumatur fil-qasam tal-kreditu mhux ipotekarju u potenzjalment tal-iżvilupp tal-linji gwida dwar riskji speċifiċi. It-Taqsima sejra tkompli tissorvelja l-

innovazzjoni finanzjarja ġdida u eżistenti bil-għan li tippromwovi s-sigurtà u s-solidità tas-swieq u l-konverġenza tal-politika regolatorja. Fl-aħħar nett, sejjer jiġi organizzat Jum tal-Konsumaturi fl-2013 b'mod konġunt mat-taqsimiet tal-konsumatur tal-ESMA u l-EIOPA, b'segwitu għall-Jum tal-EBA dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur fil-25 ta' Ottubru 2012.

## 5. Analiżi u Koordinazzjoni tal-Politika

L-oġġettivi prinċipali tat-Taqsima tal-Koordinazzjoni u l-Analiżi Politika tal-EBA sejin ikunu li tipprovdi **l-analiżi legali tad-dokumenti tal-politika u dawk superviżorji** m'hejjija mill-gruppi ta' regolamentazzjoni u sorveljanza (standards tekniċi, linji gwida, opinjonijiet, rakkomandazzjonijiet ta' superviżjoni, solvjen tat-tilwim, reviżjoni tal-pari, eċċ), **il-valutazzjoni tal-impatt** tal-istess dokumenti/azzjonijiet meta dan ikun meħtieġ, u **l-koordinazzjoni interna u esterna** tal-politika u l-ħidma superviżorja tal-EBA meta dan ikun meħtieġ bejn gruppi/taqsimiet u ma' korpi esterni, bħall-BCBS u l-FMI, u istituzzjonijiet, inkluż il-Kummissjoni tal-UE, il-Kunsill (u l-KEF u l-KSF tiegħu), u l-Parlament tal-UE (u l-Kumitat ECON tiegħu), u l-kontribut tal-EBA għar-reviżjoni tas-ESFS. Din il-ħidma tat-Taqsima tinkludi l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ superviżorju tal-EBA offruti mill-NSAs, u li jipprovdu appoġġ lill-Grupp tal-Partijiet Interessati Bankarji tal-EBA, lill-Grupp ta' Reviżjoni tal-EBA u lill-Bord tal-Appell tal-ASE.



Organisational structure effective from 18 September 2012



President				
Direttur Eżekuttiv				
Konsulent Legali				Uffiċjal tal-Kontabbiltà
Sorveljanza	Regolamentazzjoni			Operazzjonijiet
Analiżi tar-Riskju	Ġestjoni tal-Kapital u l-Assi/Obbligazzjonijiet	Analiżi u koordinazzjoni tal-politika	Protezzjoni tal-Konsumatur	Teknoloġija tal-Informatika
Koordinazzjoni Interna u Esterna	Riskju ta' Kreditu, fis-Suq u Operattiv	Analiżi Legali		Finanzjament u Akkwist
	Reġistrazzjoni, Irkupru u Riżoluzzjoni	Valutazzjoni tal-Impatt		Riżorsi umani
		Koordinazzjoni tal-Politika		Komunikazzjoni
				Appoġġ Korporattiv

## 6. Operazzjonijiet u kapaċitajiet istituzzjonali

L-oġġettiv globali tal-iżvilupp istituzzjonali tal-EBA fl-2013 se jkun iż-żamma u t-tisfih ulterjuri **tal-ambjent ta' kontroll intern f'perjodu ta' akkumulazzjoni u tkabbir intensiv** tal-istituzzjoni tal-UE li ġiet stabbilita dan l-aħħar.

L-EBA adottat u implimentat l-aktar **regolamenti u proċeduri importanti tal-HR** tal-UE u qiegħda tkompli taħdem skont ir-regoli ġenerali tal-HR tal-UE. Fid-dawl tal-ammont ta' xogħol li dejjem qiegħed jiżdied li jirriżulta mill-funzjonijiet ewlenin tal-EBA, ir-reklutaġġ u l-integrazzjoni tal-persunal il-ġdid se jrin jibqgħu prijorità ewlenija fl-2013.

Pjanijiet iddettalġati tal-persunal għall-2013 se jrin jiġu ffinalizzati malli l-baġit annwali għall-2013 tal-EBA jiġi approvat. Minħabba li l-ammont ta' xogħol kien ferm aktar għoli milli mistenni fid-dawl tal-kompiti relatati mal-proposti tas-CRDIV/CRR u l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-Banek, intalbu riżorsi umani oħra meta mqabbel mal-pjan ta' stabbiliment tal-organizzazzjoni, li l-approvazzjoni tagħhom għadha pendent.

Se jkun meħtieġ li jiġu akkumulati f'liet tekniċi sinifikanti ġodda fl-organizzazzjoni fl-2013 bħat-tweġiġ u l-approfondiment tal-għarfien tekniċu u l-esperjenza tal-esperti tal-EBA. Għaldaqstant, minbarra r-reklutaġġ bir-reqqa ta' persunal ġdid, l-implimentazzjoni tal-**programm ta' taħriġ tal-persunal** li tnieda dan l-aħħar għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-persunal tal-EBA.

L-EBA hija mistennija li timplimenta **soluzzjoni għal żmien twil għall-ħtiġijiet tal-uffiċċju tagħha**, wara approvazzjoni fit-tieni parti tal-2012.

Prijorità operattiva ewlenija għall-2013 se jra tkun l-approvazzjoni u l-implimentazzjoni tal-**istrateġija tal-Informatika għal żmien medju u twil tal-EBA**, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Informatika li dejjem qegħdin jespandu li huma ddefiniti mill-kamp ta' applikazzjoni mwessa' u mid-dettall tal-kompiti funzjonali ewlenin tal-EBA.